

Brussell, 5 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0175(NLE)**

---

---

10504/21  
ADD 1

AELE 38  
EEE 24  
N 63  
ISL 19  
FL 19  
MI 535  
BUDGET 14

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 354 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja 07 20 03 01 - Sigurtà Soċjali)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 354 final - ANNEX I.

---

Mehmuż: COM(2021) 354 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.7.2021  
COM(2021) 354 final

ANNEX

## **ANNESSI**

**ta'**

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE,  
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

**(Linja baġitarja 07 20 03 01 - Sigurtà Soċjali)**

## ANNEX

### DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

#### **li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim dwar iż-ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi l-migranti minn pajjiżi terzi.
- (2) Huwa xieraq li din il-kooperazzjoni tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2020, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tkun adottata jew jekk it-tweqqif tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, jekk ikun hemm, jiġix innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli bl-istess kundizzjonijiet bħal daww applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.
- (4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat biex ikun possibbli li din il-kooperazzjoni estiża tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 13:
  - “14. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-intestatura baġitarja li ġejja, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021:
    - **Linja Baġitarja 07 20 03 01:** Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi

L-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mill-bidu tal-azzjoni skont il-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati dment li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru XX/2021 ta' l[...][Din id-deċiżjoni] tidħol fis-seħħ qabel tmien l-azzjoni.”

2. Fil-paragrafu 5, il-kliem “u fl-azzjonijiet iffinanzjati mil-linji tal-baġit għas-snin finanzjarji 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019 u 2020 imsemmija fil-paragrafu 13 mill-1 ta' Jannar 2014” jinbidel bil-kliem “, fl-azzjonijiet iffinanzjati mil-linji tal-baġit għas-snin finanzjarji 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020, u 2021 imsemmija fil-paragrafu 13 mill-1 ta' Jannar 2014 u fl-azzjonijiet iffinanzjati mil-linja tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021 imsemmija fil-paragrafu 14 mill-1 ta' Jannar 2021”.
3. Fil-paragrafi 6 u 7, il-kliem “paragrafi 8, 12 u 13” jinbidlu bil-kliem “paragrafi 8, 12, 13 u 14”.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE\*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

[...]

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

[...]

---

\* [Ma huwa indikat ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]